# Il-Bini taċ-Ċentru Parrokkjali

**Fil-bidu ta' din is-sena, il-Parroċċa ta' Ħad-Dingli tat bidu għal proġett mill-aktar ambizzjuż: dak tal-bini ta' Ċentru Parrokkjali ġdid. Mario Micallef u David Vassallo jagħtu ħarsa lejn il-bini ta' dan iċ-ċentru u ċ-ċerimonja tat-tberik u t-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tiegħu.**

Il-ħtieġa ta' Ċentru Parrokkjali f'Ħad-Dingli kienet ilha tinħass għal numru ta' snin. Għal dan il-għan, l-amministrazzjoni tal-parroċċa kienet ħadet ħsieb tirriserva biċċa art propjeta' tal-Knisja fi Triq il-Knisja kantuniera ma' Triq San Pawl.

Fl-1997, bdew il-preparamenti meħtieġa biex din il-ħolma ssir realtà. Għalhekk ġie avviċinat il-Perit Joseph Magro bl-inkarigu li jħejji l-pjanti neċessarji. B'konsultazzjoni mal-kleru tal-parroċċa, il-pjanti u d-disinji ġew finalizzati u f'Diċembru ta' l-1997 saret l-applikazzjoni formali quddiem l-Awtorità ta' l-Ippjanar filwaqt li fil-bidu tal-1998 sar rikors lill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi biex jikkunsidraw u japprovaw il-proġett.

Nhar l-14 ta' Novembru 1998, l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi taw l-approvazzjoni tagħhom permezz ta' digriet iffirmat minn Mons. Annetto Depasquale, Vigarju Ġenerali u minn Dun Alfred Muscat, Kanċillier. Min-naħa tagħha, l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, wara li saru l-konsultazzjonijiet kollha meħtieġa, approvat il-proġett nhar it-28 ta' Lulju, 1999 (PA 7374/97).

Iċ-Ċentru Parrokkjali kif approvat hu maqsum fuq tliet sulari: *basement* li se jintuża bħala *store*, u żewġ sulari 'l fuq mil-livell tat-triq, fejn fil-livell tat-triq se tinbena sala mdaqqsa u uffiċċju parrokkjali filwaqt li fis-sular ta' fuq se jinbnew numru ta' kmamar. Ingħatat attenzjoni partikulari biex il-bini jkun kompletament aċċessibbli għal kulħadd. Id-dħul għall-*basement* se jkun minn Triq San Pawl filwaqt li d-dħul għas-sulari ta' fuq se jkun minn Triq il-Knisja. Fil-faċċata ta' bejn Triq il-Knisja u Triq San Pawl se jiddomina s-simbolu tat-twemmin tagħna: salib kbir tal-ġebel.



*Dehra ta' l-ewwel ġebla qabel ma ngħata bidu għaċ-ċerimonja.*

Hekk kif il-permessi kollha kienu f'idejn il-parroċċa, intagħżel il-kuntrattur responsabbli mill-bini taċ-ċentru u fi Frar li għadda ngħata bidu għat-tqattigħ tal-blat u l-bini tal-pedamenti.



*Dun Trevor Fairclough, fil-preżenza tal-kleru tal-parroċċa, il-Perit Joseph Magro u l-poplu ta' Ħad-Dingli ibierek l-ewwel ġebla.*

## It-Tberik u t-Tqegħid ta' l-Ewwel Ġebla taċ-Ċentru Parrokkjali

Nhar il-Ħadd 7 ta' April 2002 saret iċ-ċerimonja tat-tberik u t-tqegħid ta' l-ewwel ġebla ta' dan iċ-Ċentru Parrokkjali ġdid. Il-poplu ta' Ħad-Dingli attenda bi ħġaru għal avveniment importanti fl-istorja ta' din il-parroċċa. Iċ-ċerimonja bdiet b'introduzzjoni ta' merħba minn Dun Trevor Fairclough, li sa tmint'ijiem qabel kien il-Kappillan ta' Ħad-Dingli. Wara, Dun Ġwann Abela għamel diskors ta' l-okkażjoni li qed ikun ippublikat fi tmiem dan l-artiklu.

Il-qofol ta' din l-okkażjoni ntlaħaq meta Dun Trevor Fairclough bierek u qiegħed l-ewwel ġebla ta' dan iċ-Ċentru Parrokkjali ġdid. F'qatgħa li saret apposta fil-ġebla, u li aktar tard kienet issiġillata, tpoġġa skroll bi skrizzjoni li kienet tgħid: "Fis-Sena tal-Mulej 2002, fil-Pontifikat tal-Papa Ġwanni Pawlu II, Monsinjur Arċisqof ta' Malta Ġużeppi Mercieca, il-Kappillan Dun Trevor Fairclough flimkien mal-Kommunità Kattolika ta' Ħad-Dingli, taħt il-patroċinju ta' Marija Santissima Mtellgħa s-Sema jiddedikaw dan il-post għall-ħidma pastorali u t-tixrid ta' l-Evanġelju ta' Sidna Ġesu' Kristu. Lilu tifħir u glorja għal dejjem ta' dejjem. 7 ta' April 2002." Minbarra l-iskrizzjoni, tpoġġew ukoll domni bix-xbieha tal-Madonna u t-Tlett Beati Maltin, flimkien ma' munita kommemorattiva b'tifkira tal-viżta pastorali tal-Papa Gwanni Pawlu II f'Malta. Dawk preżenti setgħu jaraw ukoll esebizzjoni tal-pjanti ta' dan il-proġett, kif ukoll impressjoni artistika li turi kif se jkun iċ-Ċentru Parrokkjali meta jitlesta. Fiċ-ċerimonja ħa sehem il-Kor *Regina Coeli*, waqt li l-organizazzjoni kienet fdata f'idejn il-membri tal-Kumitat Festa Esterna.



*Dun Trevor Fairclough iqiegħed l-ewwel ġebla taċ-Ċentru Parrokkjali.*

Il-proġett taċ-Ċentru Parrokkjali issa qed jitmexxa mill-Kappillan il-ġdid Dun Reuben Deguara flimkien mal-kleru tal-parroċċa.

### Diskors ta' l-okkażjoni minn Dun Ġwann Abela

*Kien fl-4 ta' Novembru li għadda meta numru ġmielu ta' persuni mill-komunità tal-Parroċċa tagħna ngħbarna flimkien għat-tberik tal-parti l-ġdida taċ-Ċimiterju - ħaġa tant mixtieqa u mistennija minn bosta Dinglin għal ħafna snin. Il-fatt li l-oqbra kollha għad-dispożizzjoni nbiegħu, anzi nħatfu, ta*

*prova tal-ħtieġa ta' dak il-proġett li għall-grazzja t'Alla wassalnieh fit-tmiem b'sodisfazzjon għal kulħadd. Kien jonqos biss xi ħaġa sorpriża li twaqqfet nhar il-Ħamis li għadda - statwa tar-Ragħaj it-Tajjeb fiċ-ċentru ta' l-oqbra fil-parti l-ġdida taċ-Ċimiterju.*

*Wara t-tberik imxejna lejn is-sala li nbniet maġenb iċ-ċimiterju u żanżanniha billi hemmhekk nedejna l-proġett taċ-Ċentru Parrokkjali, li jinkludi l-istess sala u dan il-post li tiegħu se nbierku u nqiegħdu l-ewwel ġebla illum. Dakinhar konna nedejna wkoll skema ta' ġbir ta' fondi għall-istess proġett.*

*Dan il-proġett ilu mixtieq u mistenni. Nistqarr li jien ili mis-snin sebgħin, immedjatament wara li tlestiet il-koppla, ninsisti flimkien mas-saċerdoti tal-parroċċa u oħrajn biex ikollna ċentru li jservi biex jaqdi u jikkoordina l-ħidmiet pastorali tal-parroċċa, Ċentru bħal dan hu mezz qawwi u utli biex il-ħajja tal-komunità nisranija tiġi imwettqa u mgħixa. Sa minn snin ilu, ħafna kienu l-interventi ma' l-ogħla Awtoritajiet tal-Knisja, u kemm il-darba tressqu proposti simili fi ħdan il-Kunsill Pastorali Parrokkjali.*



Dun Ġwann Abela jaqra d-diskors ta' l-okkażjoni.

*Sal-ġurnata tal-lum, nistgħu ngħidu li biex b'xi mod jintlaħaq dan l-iskop kellna l-post li nsejħulu d-Domus, li għal numru twil ta' snin serva tajjeb għall-bżonnijiet tal-Parroċċa. Meta nħarsu lura għandna nħossu sens ta' gratitudni u apprezzament għal dawk ta' qabilna li ħasbu għal dak il-post, fosthom il-Kappillan Dun Pawl Azzopardi, kappillan minn Ħad-Dingli stess. Id-Domus serva u qeda lill-parroċċa f'ħafna ħtiġijiet tagħha: laqgħat ta' l-għaqdiet, konferenzi reliġjużi, lectures, sa anke bil-magic lantern imħaddma bl-aċitilena qabel ma ddaħħal l-elettriku fir-raħal, tagħlim ta' duttrina, esebizzjonijiet, kif ukoll bħala store biex jintrefgħu oġġetti tal-knisja u tal-festa. Għal xi żmien meta kienet qed tinbena l-iskola ta' Ħad-Dingli serva wkoll bħala skola. Imbagħad fi żmien l-aħħar gwerra Dinjija (1940-1943) serva biex laqa' fih familji ta' refuġjati.*

*Illum kulħadd jifhem u jara b'għajnejh li d-Domus m'għadux tajjeb għaż-żminijiet tal-lum. Neħtieġu xi ħaġa aħjar, xi ħaġa aktar moderna, b'kumditajiet u faċilitajiet li jistgħu jissodisfaw il-bżonnijiet tal-Parroċċa f'dan is-seklu l-ġdid.*

*Kien għalhekk li minn din il-biċċa art tal-Knisja, bejn Triq San Pawl u Triq il-Knisja, il-Perit Joseph Magro għaraf joħloq għalina dan iċ-ċentru b'sengħa u dehen li jilħaq l-iskopijiet tiegħu. Il-pjanti kienu ppubblikati fil-knisja f'Novembru li għadda u kisbu kummenti favorevoli. Issa kif qed taraw ix-xogħol inbeda taħt id-direzzjoni ta' l-istess Perit Joseph Magro u qed jitwettaq mill-kuntratturi Kristinu u Leli Pisani li jien konvint li daħlu għal din il-biċċa xogħol bil-qalb, b'sengħa, u b'entużjażmu li jagħtuna l-aħjar.*

*Dan kollu xtaqt ngħidu biex mill-eżempju ta' dawk ta' qabilna, ta' dawk li fl-imgħoddi ħallewlna biex ingawdu aħna, issa jmiss lilna wkoll li nagħmlu xi ħaġa li tibqa', li ngawduha aħna u wkoll ta' warajna.*

*Ma naqtgħux qalbna, naħdmu flimkien għalenija, niġbdu ħabel wieħed. Aħna ċerti mill-ġenerożita' tad-Dinglin u tar-residenti li ġew joqogħdu fostna, li nqisuhom ħaġa waħda magħna. Dejjem urejna bil-fatti li għal skopijiet tajba ma nibqgħux lura, nagħmlu l-almu tagħna, kulħadd skond ma jaf u kif jista'. Infatti hu ta' awgurju tajjeb li fl-ewwel ġbir tal-fondi għaċ-ċentru kellna rispons tajjeb, ngħid tajjeb ħafna. Għal darb'oħra l-poplu wera li jaqbel u tana konferma u għamlilna kuraġġ għall-quddiem. Ta' dan nirringrazzjaw lil kulħadd u keep it up.*

*Aħna nemmnu fuq kollox fil-providenza t'Alla. Huwa Alla li jmexxi l-ġrajjiet tal-bnedmin għall-ġid tagħhom; kif nemmnu wkoll fl-interċessjoni u l-għajnuna tal-Verġni Mqaddsa Marija taħt it-titlu ta' Marija Mtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-ġisem, patruna tal-parroċċa tagħna.*

*F'għaqda m'Alla u ma' Marija Ommna, nimxu 'il quddiem flimkien b'dedikazzjoni, bi ftit sagrifiċċju minn kulħadd u b'ġenerożita' nħossu li għandna naslu.*

*Ma nistax nagħlaq dan id-diskors tiegħi f'din l-okkażjoni storika mingħajr ma nsemmi lill-għażiż ex-Kappillan Dun Trevor Fairclough. Mingħajr ma nonqos lejn ħadd, naħseb li nkun qed nesprimi l-ħsieb tagħna lkoll preżenti u mhumiex, meta pubblikament f'din l-okkażjoni nirringrazzjah tal-ħidma fostna u tal-kuraġġ, dedikazzjoni u sagrifiċċju li wera meta daħal għall-proġetti taċ-Ċimiterju u taċ-Ċentru Parrokkjali. Li ma laħaqx temm dan ta' l-aħħar ma kienx tort tiegħu, imma poġġa bażi soda għall-quddiem. Wassal biex illum hu stess se jbierek u jqiegħed l-ewwel ġebla ta' dan il-proġett.*

*Il-kumplament issa għaddieh f'idejn il-Kappillan il-ġdid Dun Reuben Deguara li aħna ċerti, dejjem jekk Alla jrid, iwassal fi tmiem dan il-proġett. B'hekk ħolma oħra, monument ieħor tal-komunità Kattolika ta' Ħad-Dingli, issir realtà.*




# C & L PISANI

## BUILDING CONTRACTORS

**Tel/Fax: 21452283 - 21575332**
**Mobile: 79200491- 99420326**

*For all kinds of building constructions including Terraced houses, Villas, Flats, etc.*

*Also:*

- ***All kinds of building alteration works***
- ***Concrete works***
- ***Swimming pools***
- ***Installation and Restoration of fireplaces***
- ***Interior & Exterior Decorations***
- ***Lavur, units tal-ġebel, kċejjen stil antik, eċċ***
- ***Faċċati fuq il-fil***